



Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11440/22

ELARG 65

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11370/22	
Suġġett:	TKABBIR – Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuzza l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir - Il-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija, kif approvati mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2022.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IT-TKABBIR
IL-MAĊEDONJA TA' FUQ U L-ALBANJA**

IL-MAĊEDONJA TA' FUQ

1. Filwaqt li jtenni l-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill jilqa' d-determinazzjoni kontinwa tal-Maċedonja ta' Fuq li tagħmel progress fl-aġenda ta' riforma tal-UE u tikseb riżultati tanġibbli u sostnuti.
2. Dwar it-triq tal-Maċedonja ta' Fuq lejn is-sħubija fl-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli u li jiġu implimentati, in bona fide, ftehimiet bilaterali, inkluż il-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni mal-Bulgarija.
3. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-ftehim dwar il-protokoll mit-tieni laqgħa tal-Kummissjoni Intergovernattiva Konġunta stabbilita skont l-Artikolu 12 ta' dan it-Trattat. Dan il-pass importanti ser jagħti kontribut għal relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u kooperazzjoni reġjonali, li jibqgħu elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.
4. Dan ser jippermetti wkoll li tissaħħaħ l-ugwaljanza ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u komunitajiet fil-Maċedonja ta' Fuq, u bħala tali, ser jikkontribwixxi għall-konformità mal-kriterji politiċi ta' Copenhagen. B'rabta ma' dan, il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Maċedonja ta' Fuq li tniedi u tikseb bħala kwistjoni ta' prijorità l-bidliet kostituzzjonali rilevanti, bil-ksieb li fil-Kostituzzjoni jiġu inklużi ċittadini li jgħixu għewwa l-fruntieri tal-istat u huma parti minn popli oħrajn, bħall-Bulgari.
5. Filwaqt li jqis b'mod sħiħ dan il-progress u l-konformità mingħajr interruzzjoni fl-oqsma kollha identifikati mill-Kunsill f'Ġunju 2018, il-Kunsill iddeċieda li japprova l-Qafas ta' Negożjar u li jorganizza, f'konformità mal-Metodoloġija Msaħħa u d-deċiżjoni li ttieħdet fil-25 ta' Marzu 2020 li jinfetħu n-negożjati tal-adeżjoni, konferenza intergovernattiva politika mal-Maċedonja ta' Fuq fid-19 ta' Lulju 2022 sabiex jiġu ppreżentati l-passi li jmiss tal-proċess ta' tkabbir, wara l-adozzjoni tal-Qafas ta' Negożjar, kif deskritt fid-"dikjarazzjoni tal-ftuħ tal-UE".

6. Sabiex titlesta din il-fażi tal-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni. il-Kunsill jiddeċiedi wkoll li jlaqqa' konferenza intergovernattiva oħra bil-ħsieb li jippreżenta l-Qafas ta' Negożjar u s-sitwazzjoni attwali tal-ħidmiet preparatorji mill-Kummissjoni u jinsab lest li jorganizzaha mingħajr aktar dewmien u mingħajr deċiżjoni politika addizzjonali, hekk kif il-Maċedonja ta' Fuq tkun implimentat l-impenn tagħha li tlesti l-bidliet kostituzzjonali msemmija hawn fuq, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha.
7. F'din il-perspettiva, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni mxiet 'il quddiem fil-ħidma tagħha biex twettaq u tlesti l-proċess ta' eżami analitiku tal-acquis tal-UE u tinsab lesta li tippreżenta r-riżultati tagħha lill-Maċedonja ta' Fuq fi żmien xieraq. Fuq din il-bażi, jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-istat ta' tħejjija tal-Maċedonja ta' Fuq għall-ftuħ tan-negozjati f'oqsma speċifiċi u tidentifika l-kwistjonijiet li x'aktarx ser ifiġġu fin-negozjati, billi tibda mill-ġabra tal-elementi fundamentali, li, f'konformità mal-Qafas ta' Negożjar, ser tinfetaħ l-ewwel ladarba l-Maċedonja ta' Fuq tkun issodisfat il-kriterji rilevanti maqbula mill-Kunsill.

ALBANIA

8. Filwaqt li jtenni l-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill jilqa' d-determinazzjoni kontinwa tal-Albanija li tagħmel progress fl-aġenda ta' riforma tal-UE u tikseb riżultati tanġibbli u sostnuti.
9. Filwaqt li jqis b'mod sħiħ il-konformità mingħajr interruzzjoni fl-oqsma kollha identifikati mill-Kunsill f'Ġunju 2018, il-Kunsill iddeċieda li japprova l-Qafas ta' Negożjar u li jorganizza, f'konformità mal-Metodoloġija Msaħħa u d-deċiżjoni li ttieħdet fil-25 ta' Marzu 2020 li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni, l-ewwel konferenza intergovernattiva politika mal-Albanija fid-19 ta' Lulju 2022.
10. F'din il-perspettiva, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni mxiet 'il quddiem fil-ħidma tagħha biex twettaq u tlesti l-proċess ta' eżami analitiku tal-acquis tal-UE u tinsab lesta li tippreżenta r-riżultati tagħha lill-Albanija fi żmien xieraq. Fuq din il-bażi, jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-istat ta' tħejjija tal-Albanija għall-ftuħ tan-negozjati f'oqsma speċifiċi u tidentifika l-kwistjonijiet li x'aktarx ser ifiġġu fin-negozjati, billi tibda mill-ġabra tal-elementi fundamentali, li, f'konformità mal-Qafas ta' Negożjar, ser tinfetaħ l-ewwel ladarba l-Albanija tkun issodisfat il-kriterji rilevanti maqbula mill-Kunsill.